# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

## IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tat-30 ta' Novembru 2001**

**Citazzjoni numru 81/97 GC**

**Manfred Krebs**

**vs**

**Customer Service ITC Limited u Jurgen Neumann**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-attur permezz ta' skritturi privati datati 15 ta' Frar 1996 u 25 ta' Marzu 1996 ta lill-Customer Service ITC Ltd taht titolu ta' self is-somma ta' DM10,700 u DM170,000 rispettivament, liema self kien soggett ghall-kondizzjoni li l-istess flus jintuzaw principalment sabiex jithallsu l-kredituri tas-socjeta' konvenuta;

Illi l-istess socjeta' konvenuta flimkien ma' Jurgen Neumann obbligaw ruhhom in solidum illi jhallsu dan is-self sal-31 ta' Dicembru 1996;

Illi l-attur talab lill-konvenuti diversi drabi sabiex ihallsu s-somma ta' DM180,700 anke permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Dicembru 1996 u minkejja dan il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet permessi u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u in vista ta' l-affidavit ta' l-attur (Dok C), m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li inthom konvenuti responsabbli ghall-hlas tas-somma ta' DM180,700 (circa hamsa u erbghin elf lira Maltija (Lm45,000) jew somma verjuri li tigi likwidata mill-Qorti;

2. solidament tikkundannakom sbiex thallsu s-ssomma ta' DM180,700 (circa Lm45,000) jew somma verjuri li tigi likwidata mill-Qorti lill-attur;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru datati 13 ta' Jannar 1997 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti sabiex jidhru personalment ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1. Illi preliminarjament, l-inkompetenza tal-Qrati Maltin stante li skond l-iskrittura tal-25 ta' Marzu ta' l-1996, citata mill-attur, kwalsiasi disputa naxxenti mill-imsemmija skrittura, ghandha tigi rizolta permezz tal-procedura ta' l-arbitragg;

2. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nullita' tac-citazzjoni stante illi mhijiex konformi mad-disposizzjonijiet ta' l-Art. 167 tal-Kap 12 stante li l-attur ma talabx izda ppremetta d-dispens tas-smiegh ta' din il-kawza;

3. Illi subordinatament, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ligi applikabbli ghall-kaz in kwistjoni hija dik Tedeska, kif gie espressament pattwit mill-partijiet fl-imsemmija skrittura tal-25 ta' Marzu 1996 fejn gie stipulat li kwalsiasi disputa bejniethom ghandha tigi rizolta b'applikazzjoni, ossia in konformita' mal-ligi Tedeska;

4. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju ghal-suespost, l-ammont pretiz mill-attur mhuwiex dovut fl-intier tieghu, stante li l-attur stess ipprevalixxa ruhu minn flus tas-socjeta' konvenuta ghad-dannu ta' l-eccipjenti u ghlahekk, hemm lok ghall-azzjoni ta' rikonvenzjoni da parti ta' l-eccipjenti u kwindi, mhuwiex minnu dak li l-attur halef bil-gurament fl-Affidavit tieghu;

5. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, skond klawsola Nru. 4 ta' l-iskrittura tal-25 ta' Marzu 1996, l-ammont misluf mill-attur mhuwiex dovut qabel il-31 ta' Marzu 1997 u ghalhekk, l-azzjoni hija tempestiva, frivola u vessatorja;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Semghet l-attur minn jeddu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ottubru 2001;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti jirrizulta sufficjentement li t-talbiet kollha tal-attur ghandhom jigu akkolti u dana fil-konfront taz-zewg konvenuti "in solidum " bejnithom;

Il-konvenuti naqsu li jipproducu provi in sostenn ta' dak li huma ssottomettew fl-eccezzjonijiet taghhom u ghalhekk l-istess eccezzjonijiet ghandhom jigu michuda;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet kollha attrici u tikkundanna l-konvenuti ihallsu lill-attur "in solidum" bejnithom is-somma ta' Deutch Marks mija u tmenin elf u seba mija (DM180,700) jew l-ekwivalenti ta' tali somma f'liri maltin fid-data ta' din is-sentenza u dana ghar-ragunijiet imsemmija fic-citazzjoni u bl-imghaxxijiet kollha legali;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti "in solidum" bejnithom.